2026/920

30.4.2026

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/920

## tat-22 ta' April 2026

## li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2026)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia), inkluż id-deċiżjoni biex jaħtar Kap tal-Missjoni fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli").

(2) Fit-2 ta' Diċembru 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2477 ([2]), li testendi l-mandat tas-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP Somalia mill-1 ta' Jannar 2026 sat-30 ta' April 2026.

(3) Fis-27 ta' Frar 2026, ir-Rappreżentant Għoli ppropona li jiġi estiż il-mandat tas-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP Somalia mill-1 ta' Mejju 2026 sat-28 ta' Frar 2027,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) huwa estiż mill-1 ta' Mejju 2026 sat-28 ta' Frar 2027.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' April 2026.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

L. MANDEL VENSILD

([1]) ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/389/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/2477 tat-2 ta' Diċembru 2025 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2025) (OJ L, 2025/2477, 5.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2477/oj).